MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru. 75/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**vs**

**Elaine Rapinett**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Elaine Rapinett ta' 21 sena, bint Carmen nee' Rapinett, mwielda gewwa Pieta' nhar it-03 ta' Frar 1984, residenti gewwa Charles Flats No 8, Triq Enrico Mizzi, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita' numru 115684(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar id-19 ta' Dicembru 2005 ghall-habta ta' 15.15hrs, ikkommetta serq ta' digital camera ghal-valur ta' Lm115 minn gewwa 'Ultimate', Bisazza street, Sliema u dan

ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan ai termini ta' l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nhar l-20 ta' Dicembru 2005, gewwa dawn il-gzejjer xjentament xtrat jew laqghet ghandha oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100) u cioe digital camera mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Saret ricediva b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienet giet misjuba hatja b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati(Malta) u lliberata bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Marzu, 2006 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-27 ta' Lulju, 2007 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-24 ta' April 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha

u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Ikkunsidrat:
Illi ghalkemm l-imputata ammettiet l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, l-Qorti tirrileva li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza. Inoltre permezz tat-tielet akkuza l-imputata tinsab akkuzata li saret recidiva u li kkommettiet reat iehor waqt perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza kif ukoll li kisret kundizzjonijiet imposti fuqha permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn hija inghatat conditional discharge. Fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2009 l-Ufficjal Prosekutur talab differiment sabiex jipprovdi nformazzjoni lil din il-Qorti dwar jekk sentenzi moghtija fil-konfronti tal-imputata fil-5 ta’ Settembru 2005, 30 ta’ Gunju 2005 u 15 ta’ Frar 2005 gewx rezi operattivi. Din l-informazzjoni baqghet qatt ma giet provduta lil din il-Qorti u inoltre s-sentenzi relattivi baqghu qatt ma gew esebiti. Una volta li l-imputata qed tammetti anki l-akkuza tar-recidiva l-Qorti ser issibha hatja taghha u ser tgholli l-piena bi grad, u dan anki ghaliex ir-recidiva tirrizulta anki mill-fedina penali taghha, izda l-Qorti mhux ser tirrendi operattivi s-sentenzi sospizi li nghataw fil-konfronti tal-imputata stante li kopji ta’ dawn is-sentenzi baqghu qatt ma gew esebiti u stante li l-Qorti baqghet qatt ma giet infurmata jekk fil-fatt dawn is-sentenzi gewx rezi operattivi fil-mori tal-proceduri odjerni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 261 (c), 267, 279(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha seba’(7) xhur prigunerija. Stante li t-tieni(2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputata instabet hatja l-Qorti qed tastjeni mili tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------